“Dar Birzebbuga” Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165  Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 12/12 tal-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 12 ta’ Settembru 2012 fil-5.30pm**

| | |
|---|---|
| *Prezenti* | *Membri* |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **Is-Sur Carmelo Cachia** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 11/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija.  Wara li S.Zammit talab għal korrezzjoni fil-Minuti Aġenda 2 Paragrafu 3, J.Baldacchino ppropona u S.Zammit issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett.  Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*02/09 -* Tressqet talba mill-Hell Energy Malta Ltd. sabiex jagħmlu promozzjoni ta’ *energy drink* fil-Bajja s-Sabiħa.  Il-Kamra laqet din it-talba dment li l-promozzjoni ssir b’xorb mhux alkoħoliku, l-*istand* użata ma tkunx permanenti kif ukoll jikkonsidraw li joffru *sponsor* lill-Kunsill Lokali għall-attivitajiet li jkun ser jorganizza.

*03/09 -* Il-Kunsill Lokali ġie avviċinat minn bejjiegħ tal-*hot dogs* sabiex ikun jista’ jbiegħ fil-lokal.  Il-Kamra qablet li l-bejjiegħ irid ikollu permess ta’ *hawker* u jkun jista’ jbiegħ fit-toroq tal-lokal skont il-kundizzjonijiet tal-permess. Għanda tinġibed l-attenzjoni tal-applikant li ma jistax isir tisjir matul ix-xtajta skont il-*Bye-law* ta’ l-2011 dwar Żoni Esklużivi għal *Barbecues* kif ukoll li mhux permess bejgħ minn fuq il-prominad.

*04/09 -* Sid ta’ *mobile kiosk* talab lill-Kunsill Lokali sabiex jingħata post fil-Bajja s-Sabiħa sabiex ikun jista’ jbiegħ ikel u xorb.  Il-Kamra ma laqgħetx din it-talba minħabba li fuq *policy* tal-Kunsill ma jistax jinbiegħ ikel u xorb fuq il-prominad u lanqas jista’ jsir tisjir skont il-*Bye-law* ta’ l-

2011 dwar Żoni Esklużivi għal *Barbecues.* L-applikant jista' jbiegħ fit-toroq skont il-kundizzjonijiet tal-permess ta' *hawker.*

*05/09 -* Saret talba minn kumpanija sabiex jarmaw *bouncy castle* fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra qajjmet il-punt li fl-uniku *area* li baqa' sabiex jarmaw attivitajiet simili hemm applikazzjoni pendenti l-MEPA u għaldaqstant il-Kunsill Lokali għandu jistenna d-deċiżjoni tal-MEPA qabel iqis applikazzjonijiet oħra.

*06/09 -* Netoons programm televiżiv fuq Net TV li ser jibda jxandar minn Ottubru li ġej qed joffri l-opportunita' lill-Kunsilli Lokali sabiex għal prezz ta' €50 ikollu spazju ta' 5 minuti fil-programm sabiex jippromwovi l-lokal. Għalkemm il-Kamra qablet mal-prinċipju għanda tinġieb aktar informazzjoni qabel tittieħed deċiżjoni.

*07/09 -* Tressqet fuq il-mejda proposta ta' immaniġġar tat-traffiku min-naħa ta' Transport Malta għal Triq Għar Dalam. Tqajjem il-punt li jiġi kkunsidrat li jingħalaq l-aċċess għal karozzi fid-direzzjoni lejn Għar Dalam minn Triq Għar Dalam għal Triq Salvatore Cachia Zammit. Ukoll għandna niġbdu l-attenzjoni li z-*zebra crossings* ikunu f'pożizzjoni li ma jinħoloqx periklu għal min jużahom. Is-Sindku saħaq li maġenb il-parkeġġ biswit il-mużew ta' Għar Dalam hemm art li għandha tingħata sabiex il-pompa tal-*petrol* li hemm f'Misraħ is-Summit tiġi rilokata għal dan is-sit. Wara din id-diskussjoni l-Kamra qablet li tilqa' l-proposta ta' Transport Malta u tagħmel is-suġġerimenti li tqajjmu, wara laqgħa mal-Kumitat Għal Qajjenza Aħjar. Ukoll qablet li għanda tinkiteb ittra lill-entita' kkonċernata fuq l-għotja tal-art biswit il-parkeġġ ta' Għar Dalam.

*08/09 -* Il-Kunsill Lokali rċieva *service introduction* fir-rigward ta' *live streaming* li l-Kunsill Lokali jista' juża għal-laqgħat tal-Kunsill. Minħabba li l-Kunsill Lokali jaqbel fil-prinċipju ta' *live streaming* tal-laqgħat il-Kamra qablet li għanda tinħareġ kwotazzjoni pubblika għal tali servizz.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiġġudika l-offerti pubbliċi.

- *Offerta Pubblika Nru. 04/12 – Kisi ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP*

Il-Kamra qablet li tibgħat għal uniku offerent Asfaltar Construction Ltd. sabiex tiċċara ċertu punti qabel tiġġudika din l-offerta.

- *Offerta Pubblika Nru. 05/12 – Tindif ta' Toroq Mhux Urbani u Żbir ta' Siġar*

| Nru. | Kuntrattur | Item | Ammont |
|---|---|---|---|
| 1 | Saviour Mifsud | A | €330 / N/A / N/A |
| | | B | €76 / N/A / N/A |
| | | C | €330 / N/A / N/A |
| | | D | €570 / N/A / N/A |
| | | E | €380 / €7 / N/A |
| | | F | €80 / N/A / N/A |
| | | G | €120 / N/A / N/A |
| | | H | €90 / N/A / N/A |
| | | I | €690 / €17 / N/A |
| | | J | €330 / N/A / N/A |
| | | K | €250 / €7 / N/A |
| | | L | €330 / N/A / N/A |
| | | M | €330 / N/A / N/A |
| | | N | €330 / N/A / N/A |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | O<br>P<br>Q<br>R<br>S<br>T<br>U<br>V<br>W<br>X<br>Y | €230 / N/A / N/A<br>€420 / N/A / N/A<br>€80 / N/A / N/A<br>€295 / N/A / N/A<br>N/A / €7 / €150<br>N/A / €7 / €250<br>N/A / €70 / N/A<br>€120 / N/A / N/A<br>N/A / €70 / €200<br>N/A / €70 / N/A<br>N/A / €70 / N/A |

Minħabba li kien hemm offerent wieħed, il-Kamra qablet li tqabbel il-prezzijiet mal-kuntratt preċedenti qabel tiġġudika l-offerta.

***AĠENDA -4***

Tressaq fuq il-mejda r-Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena minn April sa Ġunju 2012. Dan ir-rapport ġie approvat mill-Kamra.

***AĠENDA -5***

1) Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :-

- l-Kunsill ser jieħu sehem fil-proġett ME2 fejn ser tiġi assenjata mal-Kunsill Lokali persuna b'diżabilita' għal xogħol u żmien speċifiku.

- hemm sejħa pubblika miftuħa għal Provista u Installazzjoni ta' Bandli, *fence* u *soft flooring* fi Ġnien il-Kunsill Lokali, Ġnien Profs. Anton Tabone u Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti li tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ottubru 2012. Għal dan il-proġett il-Kunsill applika għal fondi tal-U.I.F.

- nhar it-18 ta' Settembru fil-5.00pm ser issir laqgħa mal-ispettur il-ġdid ta' Birżebbuġa Ms. Carol Fabri.

- l-Kunsill ser japplika lil Transport Malta sabiex teħel *crash barrier* f'Misraħ is-Summit.

- l-istima sabiex isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Ġirgħien hi ta' €57572.43. Il-Kamra qablet li jsir dan ix-xogħol.

- l-istima sabiex isir ix-xogħol fi Triq San Patrizju hu ta' €495,496.74. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħti l-prijorita' sabiex isir ix-xogħol tat-tkomplija tal-prominad u xogħol tal-parkeġġ ta' Wied il-Buni qabel isir ix-xogħol ta' Triq San Patrizju.

2) Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- Inħoloq Sotto-kumitat għall-Żgħażagħ u Sport u l-ewwel attivita' ser tkun *treasure hunt* f'Novembru li ġej.

- Bħalissa hemm miftuħa l-applikazzjonijiet għal Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

- F'Awwissu 2013 għaqda volontarja ser torganizza attivita' kbira ġewwa Birżebbuġa, aktar dettalji jingħataw 'il quddiem. L-Għaqda talbet sabiex jingħataw permess li jiltaqgħu fis-Sala tal-Kunsill Lokali. Kulħadd qabel.

- Saret talba għal rampa għad-dħul prinċipali għal persuni b'diżabilita'  Kulħadd qabel.

- Birżebbuġa Windmill F.C. qed jitolbu l-Kunsill Lokali sabiex jagħtihom *sponsor* ħalli jiffinanzja l-ispejjeż tat-trasport u l-użu tal-grawnd ta' San Benedittu.  L-ispiża titla' madwar €10276.  Wara diskussjoni fejn ġie mfakkar li l-liġi ma tippermettix donazzjonijiet/*sponsors*, il-Kamra ma laqgħetx din it-talba.

3) Il-Kunsillier, is-Sur J.Baldacchino :

- Ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li trakkijiet tal-gass qed jgħaddu miċ-ċentru ta' Birżebbuġa fi triqithom minn u lejn l-impjant tal-Liquigas Malta Ltd. Dan imur kontra l-ftehim li sar u għanda tinkiteb ittra lil Liquigas Malta Ltd. sabiex jitwaqqaf dan l-abbuż.  Kulħadd qabel.

- Il-GAL Xlokk li tagħhom il-Kunsill hu membru ingħataw fondi mill-E.U. sabiex isir proġett matul il-kosta.  Aktar dettalji tal-proġett jingħataw 'il quddiem.

- Ser tintbagħat ċirkulari fid-djar sabiex nagħtu d-dati lill-persuni li għandhom 'il fuq minn 55 sena meta jirreġistraw mal-Kunsill Lokali ħalli jingħataw it-titqiba tal-influwenza.

- Ġibed l-attenzjoni li għaqdiet tal-lokal qegħdin jintalbu ħafna flus sabiex ikunu jistgħu jużaw is-sala tal-iskola għall-attivitajiet bil-konsegwenza li dawn l-għaqdiet qed jippreferu jitilqu mil-lokal u jużaw swali ta' lokalitajiet oħra.  Il-Kamra qablet li għanda ssir laqgħa mas-surmast tal-iskola sabiex jiġi diskuss dan il-punt.

4) Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- ressaq proposta biex tiġi kkonnettjata lampa ġdida fi Triq it-22 ta' Frar.  Kulħadd qabel.

- talab sabiex issa li l-Kunsill għandu kuntrattur għall-irranġar ta' bankini nibdew ix-xogħol meħtieġ kemm jista' jkun malajr l-aktar fejn hemm persuni b'diżabilita' li qed jistennew xogħol sabiex il-bankina ssir aċċessibbli.

- ta *update* lill-Kamra fir-rigward ta' xogħol ta' toroq taħt ir-responsabilta' ta' Transport Malta.

- għadda lill-Kunsillieri pjanta ta' *area* tal-Qajjenza sabiex jiġi diskuss l-immaniġġar tat-traffiku f'laqgħa oħra fl-*area* tal-Batterija Ferretti.

- informa l-Kamra fir-rigward ta' laqgħa li kellu mal-Ministru l-Onor. Jason Azzopardi fir-rigward ta' pont sabiex jiġi nstallat fi Triq San Edwardu (quddiem il-CountryStyle).  Il-Ministeru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji ż-Żgħar u Konsumatur ma jsibx oġġezzjoni għal pont simili li jiżżarma sakemm kollox isir bil-permessi meħtieġa.

- issuġġerixxa li tiġi ddisinjata mappa ta' Birżebbuġa u tiġi nstallata qrib Għar Dalam sabiex nippromwovu postijiet ta' interess fil-lokal.

- issuġġerixxa li niġbru l-palm iż-żgħir li jikber taħt il-palm il-kbir sabiex jiġi ikkoltivat.

5) Il-Kunsilliera, Ms. B.Pace :

- issuġġeriet li l-attivita' ta' 'Jum Birżebbuġa' minħabba li ġiet imħassra, terġa' tittella' fuq skala iżgħar, nhar id-29 ta' Settembru fis-Sala tal-Iskola.  Kulħadd qabel.

- 'Jum Birżebbuġa għandu jiġi diskuss f'Aġenda ta' Seduta tal-Kunsill.  Kulħadd qabel.

- uriet id-diżappunt tagħha fir-rigward ta' 'Inġeddu Tfulitna' fejn għalkemm kienet attivita' tal-Kunsill Lokali ftit sabet għajnuna kemm mill-Kunsillieri kif ukoll mis-Sotto-Kumitat.

6) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- reġa' qajjem il-punt fuq l-ilma li joqgħod fi Triq Birżebbuġa in-naħa ta' San Ġorg. Hemm bżonn li tinstab soluzzjoni.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li waqt il-*monitoring committee meeting* mal-Port Ħieles, tqajjem il-punt li l-Port Ħieles ser iressaq applikazzjoni l-MEPA sabiex jibda jsir tindif ta' *anti-fouling* fil-port. Il-Kamra qablet li meta tidher l-applikazzjoni din għandha tittella' seduta u tiġi diskussa.

7) Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- informa l-Kamra li nhar il-25 ta' Settembru ser isejjaħ Konferenza Stampa fir-rigward tal-istat ħażin li tħalliet fiha Triq id-Dar ta' Pultu min-naħa ta' Transport Malta.

***<u>AĠENDA -6</u>***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €48724.21 titħallas skont Skeda Nru. 09/12.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fl-9.45pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 3 ta' Ottubru 2012 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **...............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |